HAL-TARXIEN

# KUNSILL LOKALI HAL-TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 03/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

* Il-Laqgħa Nru 03/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm fl-Uffiċċini Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Frans Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Keith Darmanin | Kunsillier |
| Dr O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa, filwaqt li ta merħba lill-kulħadd.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 01/06

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 1/06 tal-01/07/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu approvati.

**1.2** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 02/06

**2.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 02/06 tal-10/07/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu approvati.

**2.2** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu u s-Sur F. Agius ħadu l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament. Ġurament tal-Ħatra

**3.2** Fuq talba tad-Dipt. Gvern Lokali, Memo 40/2009, tajna informazzjoni dwar il-manutenzjoni tat-toroq li saru jew ser isiru mill-Kunsill Lokali mill-1/04/09 sal-31/12/09. Memo 40/2009 - Toroq

3.2.1 Is-Sindku kompla jgħid li għall-major patching li diġa' sar fit-toroq San Anard, Żejtun, Luqa, Palma, Stu Wistin, B'Bugia, Sta Marija, il-Kbira, il-Knisja, Kav. De Guaras u Kurunell Mas, sewa €58,524, filwaqt dak ta' Triq il-Wilġa għad ma rċevejnix il-kont tiegħu. Dwar Triq il-Wilġa, is-Sindku qal ukoll li nistgħu ngħidu li din ġiet *resurfaced*.

3.2.2 Qal ukoll li sar xogħol ta' *patching* komuni li sewa €6,386. Dan iġib s'issa total globali ta' €64,910.

3.2.3 Is-Sindku fisser li dan l-ammont diġa' qabeż dak impost fuq il-Kunsill skont l-allokazzjoni annwali li hu ta' €61,026.

**3.3** Dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, is-Sindku qal li bgħatna żewġ *default notices* lill-Kuntrattur għaliex s'issa għad ma lestiex dak kollu mitlub minnu, għalkemm nifhmu li hemm ħafna xogħol xi jsir biex nirkupraw l-iżdingar li tħalla minn ta' qablu. Ġonna

3.3.1 Is-Sindku kkummenta li persuna kkritikat li Ġnien Joanne hemm ħmieġ u telqa meta l-fatti juru mod ieħor. Qal li meta Onor. J. Azzopardi ġimgħa ilu ġie jħawwal xi siġar żgur li l-Ġnien kien fi stat tajjeb ta' tindif.

3.3.2 Is-Sindku rrimarka li xi ħadd mhux mgħaruf qed jitfa' biċċiet ta' annimali mejta fil-ġnien. Dan il-każ ilu sejjer minn qabel l-elezzjoni li għaddiet.

3.3.3 Żied jispjega li meta kellna l-cameras dawn ma servewx l-iskop tagħhom għaliex għalkemm sar diversi vandaliżmu l-wardens li kienu joperaw il-cameras qatt ma qabdu l-ħadd. Anzi dan sewa biex il-Kunsill kellu jħallas iżjed minn €16,000 għas-servizz tal-cameras.

3.3.4 Is-Sur I. Dalli kkummenta li għandu jkun hemm il-bżonn ta' sorveljanza fuq iż-żamma tal-indafa minn Awtoritajiet bħal Wardens, u mhux niffukaw biss fuq it-traffiku.

3.3.4.1 Is-Sindku wieġeb li dan kien inbeda xi żmien ilu mill-Green Wardens imma ġara li dawn twaqqfu mill-Awtoritajiet.

**3.4** Każ ieħor li nbeda u ma ġiex implimentat mill-MEPA hu dwar l-inizjattiva li jinbena ħajt madwar siti miftuħa li joħolqu nkonvenjent. Ħitan Madwar Siti Vojta

3.4.1 Kompla jgħid is-Sindku li riċentement tqabbdu żewġ plots miftuħa fi Triq il-Knsija li huma proprjeta' ta' Ex Prim Imħallef, imma l-MEPA mhix tinforza biex dawn il-plots jingħalqu b'ħajt b'konsegwenzi gravi u nkonvenjenza għall-residenti.

3.4.2 Dwar dan ktibna lill-Prim Ministru, lill-MEPA, lis-Seg.Parl. Dr Chris Said u lill-AKL.

**3.5** Dwar l-offerti pubbliċi għat-Tisbih ta' Sqaqien li ġew sottomessi u nfetħu fit-30/04/09, is-Sindku qal li l-Perit għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' email tat-28/07/09 wara laqgħa miegħu f'dan l-uffiċċju. Tisbih ta' Sqaqien

3.5.1 Il-Perit spjega u ppreżenta paraguni dwar il-materjal li l-Kunsill għandu jagħżel għall-pavimentar, sew jekk ikun concrete komuni, imprint jew stensil, paving blocks jew hard stone.

3.5.2 Il-Kunsill qabel li minħabba l-estetika tar-raħal, il-parti l-antika fejn ser isir it-tisbiħ ta' l-isqaqien, l-aħjar materjal għandu jkun dak "hard stone' bħal dak li tpoġġa fi Ġnien Ovindoli.

3.5.3 Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Perit, l-iżjed offerti vantaġġjużi huma dawk sottomessi għal hard stone minn Asfaltr Ltd u Schembri Infrastructure Ltd għall-valur ta' €120 kull metru kwadru. Imma jekk wieħed jikkonsidra l-kumplament tar-rati għax-xogħol relatat, bħala pakkett, l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik ta' Asfaltar Ltd.

3.5.4 Is-Sindku argumenta u l-Kunsill qabel miegħu li, madanakollu, ir-rata ta' €120 għall-hard stone, xorta waħda hi għalja komparata ma' l-ispiża ta' l-istess materjal li ntuża fi Ġnien Ovindoli li sewa madwar €60 kull metru kwadru.

3.5.5 Is-Sindku kompla jgħid li, wara li tkellimna mal-Kuntrattur li mporta dan il-materjal, dan kien lest li jimpurtah hu jekk ikun *sub-contracted* mill-kuntrattur magħżul mill-Kunsill jiġifieri Asfaltar Ltd.

3.5.6 Is-Sindku rrakomanda u l-Kunsill qabel nem con li għandna niltaqgħu ma' Asfaltar Ltd u ninfurmawh b'dan kollu u jekk hux lest li jaċċetta li nużaw il-materjal impurtat minn Kuntrattur ieħor f'ismu.

3.5.7 Is-Sindku, issekondat mis-Sur L. Bonavia, jipproponi li jekk Asfaltar ma jaċċettax din il-proposta, allura nitkellmu ma' Schembri Infrastructure. F'każ li dan ta' l-aħħar ma jaċċettax lanqas, allura noħorġu sejħa oħra għall-offerti. Mozzjoni 1

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.6** Is-Sindku qal li rċevejna mingħand il-Ministeru għat-Trasport li qed jikkonsidraw il-talba tagħna tal-15/04/09 li t-trasport pubbliku jgħaddi wkoll mill-inħawi ta' Triq Sardinja. Rotot Ġodda

3.6.1 Dwar il-bus shelters infurmawna li ser jagħmlu eżerċizzju li dawn ikunu konformi u fil-linja tar-rotot.

**3.7** Irċevejna stedina mingħand id-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja dwar korsijiet fil-litteriżmu bażiku, Malti u Ingliż. Korsijiet

3.7.1 Is-Sur F. Agius hu nkarigat li jieħu ħsieb, bħal qabel, biex nibdew dawn il-korsijiet.

3.7.2 Is-Sur F. Agius qal ukoll li għandna talbiet ukoll għall-Ganutell u Bizzilla. Hu talab lill-Kunsill biex immexxu l-kelma għal dawn il-korsijeit.

**3.8** Is-Sindku qal li fuq talba tal-ETC ilhaqna ftehim li l-ETC jorganizzaw korsijiet għal nisa li ser jerġgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dawn il-korsijiet "Women for Employment' ser isiru fiċ-Ċentru Komunitarju mill-05/10/09 sat-13/11/09 kull jum, minbarra nhar ta' Erbgħa, bejn id-9.00 u s-1.00pm. Formoli ta' l-applikazzjoni ser jiġu ppubblikati fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett. ETC - Kors

**3.9** Is-Sindku qal li flimkien miegħu attenda s-Seg. Eżek. għal-laqgħa fl-ETC dwar l-Iskema "Xogħol fil-Komunita'" li għaliha konna applikajna u tlabna 3 ġardinara u handyman. Din l-iskema ser tibda fil-bidu t'Awissu. Xogħol fil-Komunita'

**3.10** Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għal-Seminar "Creative Communities" fuq stedina tal-MEUSAC. Seminar

**3.11** Is-Sindku qal li minn informazzjoni li ġbarna, mill-librerija tal-Kunsill issellfu 154 ktieb u attendew 66 persuna matul dawn ix-xhur li ilha topera. Librerija

**3.12** Ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha l-istedina tas-Seg. Parl. Dr Chris Said għall-Kampanja/Kompetizzjoni għall-Aktar Lokalita' Nadifa, fix-xahrejn t'Awwissu u Settembru. Aktar Lokalita' Nadifa

3.12.1 Is-Sindku talab li jittressqu kummenti u rakkomandazzjonijiet mill-Kunsillieri sa ġimgħa oħra.

**3.13** Is-Sindku kkummenta dwar artiklu li deher fil-Mument "is-Sindku Jħobb Isiefer". Hu qal li min kiteb dan l-artiklu ma jafx x'qed jiġri f'dan il-Kunsill. Il-Ġemellaġġi jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Il-Youth Exchanges isiru mit-Tarxien Youth Forum li hu NGO u l-Kunsill ma joħroġx fondi għal dawn l-*exchanges*. Artiklu f'Gazzetta

3.13.1 Is-Sindku żied jgħid li r-rapport ta' l-Awdituri huwa ċ-ċertifkat ta' dan il-Kunsill u min irid jinvestiga jista' jirreferi għal dan ir-rapport.

3.13.2 Hu kkummenta wkoll li mill-Youth Exchanges jistgħu wkoll joħorġu possibiltajiet ta' ġemellaġġi meta dawn iservu ta' kuntatti ma' Awtoritajiet ta' dik il-lokalita'. Hawnhekk jidħol imbagħad il-Kunsill biex jinbeda l-proċess ta' Ġemellaġġ.

3.13.3 Is-Sindku assigura li ser ikompli jimxi fuq din il-linja bħalma għamel fil-passat.

## 4.0 Ħatra ta' Sotto Kumitati

**4.1** Is-Sindku qassam id-dekasteri lill-Kunsillieri kif jidher hawn taħt :

| | |
|---|---|
| Pawlu Farrugia (Sindku) | Infrastruttura, Proġetti , Toroq, PRO, Fuljett, Anzjani, Ambjent, Ġemellaġġi, Tarxien Youth Forum, Fondi mill-UE, Għaqdiet, Internazzjonali |
| Frans Agius (Viċi Sindku) | Edukazzjoni, Kultura, Turiżmu |
| Lawrence Bonavia (Kunsillier) | Kummerċ, Self Employed, Saħħa |
| Doris Vella (Kunsilliera) | Konsumatur, Ħidma Soċjali, Attivitajiet Soċjali, Protezzjoni Soċjali. |
| Keith Darmanin (Kunsillier) | Żgħażagħ, Sports, Kunsill taż-Żgħażagħ |
| Dr Omar Caruana (Kunsillier) | Ordni Pubblika, Pulizija, Wardens, Sostitut fil-Komitat Konġunt. |

Ismael Dalli (Kunsillier) Servizzi, Immaniġġjar tat-traffiku.

**4.2** Is-Sindku talab biex kull Kunsillier joħloq is-Sotto Kumitat relatat tiegħu. Is-Seg. Eżek. qassam il-formoli tal-applikazzjonijiet għall-membri f'dawn is-Sotto Kumitati biex wara jiġu approvati mill-Kunsill.

**4.3** Is-Sindku talab biex sa laqgħa oħra kull Kunsillier jippreżenta pjan ta' ħidma tas-Sotto Kumitat tiegħu għall-ewwel sena ta' din l-Amministrazzjoni.

## 5.0 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2009-2013

**5.1** Is-Sur K. Darmanin issekondat mis-Sur L. Bonavia jipproponi li l-Pjan ta' Ħidma 2009-2013, kif ippreżentat u bbażat fuq il-programm Elettorali taż-żewġ Partiti ewlenin u fuq dak ippjanat mill-Kunsill jiġi approvat. Mozzjoni 2

**5.2** Il-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma 2009-2013 (app. 1)

## 6.0 Approvazzjoni tal-Budget 2009-2010

**6.1** Is-Sindku s-Sur P. Farrugia, issekondat mill-Viċi Sindku s-Sur F. Agius, jipproponi li l-Budget 2009-2010 kif ippreżentat jiġi approvat mill-Kunsill. Mozzjoni 3

**6.2** Il-Kunsill approva unanimament l-Budget 2009-2010 (App. 2)

## 7.0 Affarijiet Finanzjarji

**7.1** Is-Sindku u s-Seg. Eżek. iffirmaw il-"Ftehim ta' Aċċettazzjoni għal-Għajnuna Finanzjarja' dwar l-iskema "Energy Saving' Energy Saving

7.1.1 Is-Sindku rrimarka li għalkemm il-Kunsill qed jissottometti l-proġetti għall-iskemi maħruġa, m'aħniex nieħdu biżżejjed biex nimplimentawhom.

**7.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Housing Authority għaddewlna pagament ta' €385 li hu l-ispiża ta' 5 siġriet taż-żebbuġ li tħawwlu fi Ġnien Kunsill Lokali 2000. Dan għaliex hu parti mid-dover tal-Housing Authority li jħawwlu siġar biex ipattu għal dawk li nqalgħu fl-inħawi biex isir l-iżvilupp ta' bini. Pagament mill-Housing Authority

**7.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand il-Kumitat Konġunt LES l-ammonti ta' €8388 (pre pooling) u €7,500 (pooling term). LES

**7.4** Il-Kunsill approva nem-con l-Iskeda ta' Pagamenti dovuti għal-servizzi u materjal li tammonta għal €46,250.34 (app. 3) li ġiet iffirmata mis-Sindku.

**7.5** Il-Kunsill approva nem-con rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis-

| | |
|---|---|
| Sindku | €64.00 |
| Seg. Eżek | €65.60 |

## 8.0 Ħwejjeġ Oħra

8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li matul l-elezzjoni tqassmu xi karti lir-residenti kontra tiegħu. Qal ukoll li kemm-il darba irċieva ittri anonimi b'ħafna allegazzjonijiet u tgħajjir. Dwar dan ser jieħu passi legali. Qal li f'ċerti ittri kien hemm informazzjoni li żgur ħarġet mill-Kunsill. — Tqassim ta' Karti

Is-Sindku għamilha ċara li jżomm id-dritt li jekk jibqa' jirċievi ittri anonimi jieħu passi legali bħala Sindku. Qal ukoll li jekk ikollu ħjiel li xi informazzjoni tkun ħarġet mill-Kunsill, jgħaddi dawn lill-pulizija.

Is-Sur L.Bonavia rrimarka li s-Sindku għandu d-dritt li jieħu passi bħala Sindku.

8.2 Is-Sindku talab biex sal-15 t'Awwissu jirċievi l-messaġġi mill-Kunsillieri għall-fuljett. — Fuljett

8.3 Is-Sindku talab li r-rapporti dwar ilmenti u/jew suġġerimenti isiru direttament lill-iskrivani u mhux lilu jew lis-Seg. Eżek. Dan sabiex ikollna kollox irreġistrat biex wara tittieħed l-azzjoni neċessarja. — Ilmenti/Suġġerimenti

8.3.1 Qal ukoll li r-residenti għandna ninfurmawhom x'jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Il-messaġġ ta' "Għidtlu lis-Sindku" m'għandux jibqa' jingħad.

8.4 Is-Sur K. Darmanin qal li qed jinnota li dan l-aħħar xi ħadd qed jobroxlu l-karozza. — Rapporti mis-Sur Keith Darmanin

8.5 Is-Sur K. Darmanin informa lill-Kunsill li applika sabiex jattendi għall-Parlament taż-Żgħażagħ.

8.6 Keith Darmanin qal li għat-30 t'Awwissu ser jorganizza ġurnata f'Kemmuna. Il-Kunsill qabel.

8.7 Is-Sur F. Agius qal li attenda għal Seminar dwar ftehim ta' Kustodja. Kompla jgħid li dan il-Kunsill Lokali hu l-ewwel wieħed li bbenefika minn din il-liġi. — Rapporti mill-Viċi Sindku

8.8 Qal ukoll li ser issir laqgħa ma' Heritage Malta dwar ix-xogħol li ser isir fit-Tempji.

8.9 Is-Sur F. Agius qal li għandna reputazzjoni tajba mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għaliex nibqgħu għaddejjin sat-tmiem tagħhom bil-korsijiet ta' tagħlim li qed norganizzaw.

8.10 Is-Sur F. Agius nforma lill-Kunsill li qed jitkellem mal-Familja Battistino dwar il-possibilta' li jerġa' jiġi ppubblikat il-ktieb dwar Ħal Tarxien. Il-Kunsill approva unanimament fil-prinċipju.

8.11 Is-Sur F. Agius qal li għat-8 ta' Settembru ser jorganizza Ħarġa Kulturali għal Vitorja. Il-Kunsill qabel.

8.12 Kompla jgħid li f'Settembru ser issir attivita' oħra skond il-programm ta' attivita' '4 Walks Around Tarxien".

8.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li ser jorganizza ġurnata għal Catania għat-Tarxiniżi fit-8 t'Awwissu.

## 9.0 Għeluq tal-Laqgħa

9.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa is-Sindku awgura li naħdmu bħala tim għal ġid ta' Ħal Tarxien.

**9.2** Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm.

**9.3** Laqgħa oħra ser tinżamm fil-26 ta' Awwissu 2009.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| *Paul Farrugia* | *Maurice L. Mallia* |
| *Sindku* | *Seg. Eżek.* |
| *26/08/2009* | |